# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 10/2017

**Il-Pulizija**

**(Spettur James Grech)**

**(Spettur Hubert Cini)**

**vs**

**Carmel Mugliett**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2020

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Carmel Mugliett, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 457762M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

(a) Nhar il-11 ta' Mejju 2015 ghal habta tas-14:30hrs ikkommetta serq ta' I Pads, arloggi tal-idejn u / jew oggetti ohra

minn gewwa residenza 210, Triq il-Liedna, Fgura liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-ammont ta' €2329.37 u bil-lok ghad-detriment ta' Keith Simiana, Muriel Bellizzi u /jew persuna / u / jew entita/jiet ohra;

(b) U aktar talli b'hekk ikkommetta delitt punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' Ordni ta' Probation ghal zmien tlett snin moghtija lilu mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif preseduta mill-Magistrat Dr. D. Clarke LL.D. nhar it-28 ta' Lulju 2014.

Il-Qorti kienet mitluba titratta ma' Carmel Mugliett bhala recidiv ta' diversi sentenzi li saru definittivi u ma jistghux ikunu mibdula u dan ai termini tal-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta. Kif ukoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundannah ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, moghtija fid-9 ta' Jannar, 2017 li biha sabet lill-appellant recediv f'delitti, hati tal-imputazzjonijiet kollha fuq ammissjoni tieghu stess u kkundannatu ghal tlett (3) snin prigunerija kwantu ghas-serqa mertu tal-ewwel imputazzjoni u perjodu ta' sentejn (2) prigunerija ohra wara li trattat mieghu ghall-ksur tal-ordni ta' probation mertu tat-tieni imputazzjoni u ghalhekk ghall-perjodu ta' prigunerija fit-total ta' hames (5) snin u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni ghall-hlas tal-ispejjez skond l-artikolu 533 stante li naqset milli ggib provi li saru spejjez f'dan ir-rigward;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Carmel Mugliett ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-18 ta' Jannar, 2017, li permezz tieghu

talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi (1) **tikkonfermaha** fil-parti tar-reita'; u (2) **thassarha** u tirrevokaha fil-parti tal-piena u minflok l-piena inflitta tkun imposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell limitat ghall-piena kominata mill-ewwel Qorti bil-gravam singolari li jezistu fatturi li jimmilitaw favur temperament fil-piena erogata. L-appellant isostni li "Fost affarijiet ohra l-esponenti jixtieq jippuntwalizza bir-rispett illi : (a) l-imputat ikkollabora bis-shih fl-investigazzjoni tal-pulizija; (b) l-esponent kellu tfulija difficli hafna; (c) wara diversi snin bil-vizzju tad-droga, l-esponet ghamel kambjament enormi fil-glieda sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga u llum il-gurnata huwa clean; Bl-akbar rispett, dawn u fatturi ohra, ghandhom jattiraw tnaqqis fil-piena nflitta";

2. F'appelli ta' din in-natura din il-Qorti, kif diversament kostitwita matul is-snin dejjem hasset il-htiega li taghmel is-segwenti monitu u mhix ser tonqos milli tirreplikah f'din is-sentenza. Kif wisq drabi ritenut, ma huwiex normali li din il-Qorti, *qua* Qorti tal-Appell Kriminali, tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm din ma tkunx fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn

x'jiddimostra li kellha tkun anqas minn dik li tkun fil-fatt erogata. Din il-konsiderazzjoni qed issir *in primis* ukoll sabiex l-appellant ikun mwissi dwar il-limitazzjonijiet ta' din il-Qorti fi kwistjonijiet konsimili. Ara fost skorta ta' sentenzi in rigward: Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et. 2.10.2002; Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano 13.11.2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella 14.6.1999 u r-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina 24.4.2003 kif citati fis-sentenza ricenti Ir-Repubblika ta' Malta vs *ommisis* u Noel Frendo 3.12.2015;

3. Ugwalment ta' mprotanza huma d-decizjonijiet ta' din il-Qorti dwar appelli koncernanti l-piena meta tkun saret ammissjoni bikrija u dan anke jekk fl-appell in dizamina ma hemm ebda aggravju in rigward. Ara fost ohrajn is-sentenzi fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Nicholas Azzopardi – Qorti Kriminali 24.2.1997; Repubblika ta' Malta vs Mario Camilleri App Krim 5.7.2002 u Pulizija vs Emmanuel Testa App Krim 17.7.2002 u Repubblika vs Edward Arthur Story – Qorti Krimiali 6.1.2016. Hekk ukoll ta' relevanza huma s-segwenti sentenzi li fihom kien ritenut illi l-paraguni huma odjuzi u dan ghaliex kull kaz ghandu jkun deciz fuq il-fattispeci tieghu: Ir-Repubblika ta' Malta vs *ommisis* u Noel Frendo 3.12.2015 u Il-Pulizija vs Joseph Spiteri 300/2013 App Krim 5.10.2016;

4. U proprju in omagg tal-principju appena ritenut, din il-Qorti ser tezamina l-elementi li sawru l-parti decizorja tas-sentenza appellata. Kwantu l-piena erogabbli ghall-ewwel imputazzjoni, dik ta' serq bl-aggravju tal-valur in eccess ta' €2,329.37 u dak tal-lok, l-imputat kien passibbli ghal-minimu ta' 24 xahar prigunerija u massimu ta' seba' snin fit-termini tal-artikoli 279(b) u 280 flimkien mal-artikolu 20 tal-Kapitolu 9. Din kienet soggetta ghal zieda bi grad fit-termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 jigifieri ghall-minimu ta' tlett snin u massimu ta'

tmien snin. Kwantu l-piena erogabbli ghar-reat li tieghu kien instab hati lura fit-28 ta' Lulju, 2014 u li ghalih l-Qorti tal-Magistrati kienet qieghditu taht Ordni ta' Probation fit-termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446, jigifieri ghal dik ta' serq bl-aggravju tal-valur taht €2,329.37, tal-lok u tal-hin, l-imputat kien passibbli ghall-piena ta' prigunerija fil-minimu ta' ghaxar xhur u massimu ta' tlett snin b'zieda ta' grad bl-addebitu tar-recidiva fit-termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 jigifieri ghal minimu ta' tlettax-il xahar sa massimu ta' erba' snin.

5. Issa ghall-ewwel imputazzjoni l-ewwel Qorti erogat piena ta' tlett snin prigunerija u ghar-reati li ghalihom kien tqieghed taht Ordni ta' Probation kkominat l-piena ta' sentejn prigunerija. Fiz-zewg istanzi kienu indikati l-artikoli 49 u 50 u ghalhekk l-pieni originali kienu mizjuda bi grad skond il-ligi la darba kien jirrizulta l-addebitu tar-recidiva. Ghalhekk huwa evidenti illi fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti kkominat piena vicin hafna tal-minimu erogabbli. Minn dan l-aspett allura l-imputat m'ghandux ragun fl-appell tieghu ghaliex jidher manifestament illi l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni r-ragunijiet kollha msemmija mill-appellant ghal dak li jirrigwarda l-kollobarazzjoni tieghu mal-Pulizija, t-trobbija tieghu u l-glieda li kellu kontra l-vizzju tad-droga;

6. Lanqas ma jista' l-imputat jikkjama l-ammissjoni bikrija bhala raguni ghall-piena aktar miti stante li l-ammissjoni tieghu kienet dikjarata fi stadju avvanzat tal-proceduri;

7. Il-Qorti ezaminat l-atti processwali kollha u ma tara ebda raguni ghaliex ghandha b'xi mod tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena wara li hadet in konsiderazzjoni t-talbiet tal-imputat, xtarrithom u kellha kompassjoni ghalih izda ragjonevolment ddikjarat illi: "L-imputat irid ukoll jaghraf mhux biss kemm baghta hu f'hajtu

izda jrid ukoll japprezza kemm b'eghmilu gab biza', dwejjaq u tbaghtija lil vittmi tas-serq tieghu li zgur ma kienu jahtu xejn. B'eghmilu ghamel hsara lil haddiehor u lejh inniffsu ghalxejn. U din ma kienitx l-ewwel darba li kiser il-Ligi tant li hu pluri-recidiv b'diversi sentenzi li wkoll kienu minhabba li kien seraq diversi drabi fil-passat". Din il-Qorti tawgura li dan ikun l-ahhar episodju f'karriera twila ta' reita' fil-hajja tal-appellant, izda fic-cirkostanzi li jiccirkondaw dan l-appell ma hemm xejn li jista' jikkonduci ghal-riduzzjoni fil-piena kominata.

8. Ghal dawn ir-ragunijiet l-appell qed ikun michud.